**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Seduta Kolliżżjonijiet**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Jurgen Gatt**

**Illum, 7 ta' Marzu, 2022**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet mressqa kontra Jurgen Gatt, bil-karta tal-identità numru 234692M, li permezz taghhom gie akkuzat talli:

*"...fi 10 ta' Mejju 2017 ghall-habta ta' 18:04 hrs fi Triq il-Vitorja kantuniera ma' Triq il-Gdida, Qormi, soqt il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BCG969;*

1. *Minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' Dwar it-Transport ta' Malta,*
2. *U aktar talli kellek vettura bil-mutur fit-triq, kemm ipparkjata, kemm qed tintuza minghajr ma kellha licenzja mahruga mill-Awtorita ghatt-Trasport f"Malta u nqast li ggeddida kull sena,*
3. *U aktar talli soqt l-imsemmija vettura u nqast illi iġġedded il-liċenza tas-sewqan,*

4. *U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta hila fl-art jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma' vettura nru. DBT132 w involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Emanuel Agius.*

   *Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan."*

Rat id-dokumenti eżebiti;

Rat li din il-kawża giet assenjata li tinstema' minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Semgħet il-provi;

Rat li din il-kawża tinstab differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel imputazzjoni u t-tielet imputazzjoni, din il-Qorti tqies li mix-xhieda ta' Stephen Cachia, li huwa r-rappreżentant ta' Transport Malta, jirriżulta li Jurgen Gatt, fl-10 ta' Mejju 2017, kellu l-liċenzja tas-sewqan revokata bil-punti. Jirriżulta wkoll li dan reġa' ottjena l-liċenzja tas-sewqan fis-29 ta' Awwissu 2017. Min-naha l-oħra, l-imputat sostna li huwa ma kienx jaf li l-liċenzja tiegħu kienet ġiet revokata bil-punti. Qal li sar jaf b'dan, wara li seħħ dan l-inċident, meta nfurmawh il-Pulizija. Ir-rappreżentant ta' Transport Malta spjega li meta liċenzja tas-sewqan tiġi rrevokata, il-persuna tiġi nfurmata permezz ta' ittri, għalkemm dawn l-ittri fil-konfront tal-imputat, ma setgħux jiġu rintraċċati minħabba t-trapass taż-żmien.

Il-Qorti qieset ukoll li mix-xhieda prodotta, l-imputat xehed fis-sens, li kellu polza ta' assigurazzjoni mal-Middlesea. Ir-Rappreżentant ta' Mapfre Middlesea spjegat, li l-polza kienet fuq Jurgen Gatt (Dok SM1), iżda din ma kinitx tkopri lill-istess Jurgen Gatt, tant li kien hemm imniżżel fuqha, li bħala *authorised drivers* kienu awtorizzati *any driver aged 25 years and over driving on the policyholder's order or permission, excluding the policy holder.* L-istess xhud spjegat, li jekk applikant għall-polza, ma għandux liċenzja tas-sewqan, din hija waħda mill-*exclusions* tal-

polza. Spjegat ukoll li s-soċjetà ta' assigurazzjoni, ma għandhiex l-obbligu li titlob il-liċenzja tas-sewqan.

Il-Qorti qieset dawn il-fatti kollha. Qieset li ma setax ikun ikkonfermat jekk fir-realtà, intbagħtitx ittra lill-imputat, u fl-eventwalità li ntbagħtet, jekk din l-ittra ġietx notifikata lill-imputat. Il-Qorti qieset ukoll li ftit wara li seħħ dan l-inċident, l-imputat reġa' ottjena l-liċenzja tas-sewqan. Ma tressqux provi li l-imputat kien konsapevoli li l-liċenzja tas-sewqan tiegħu, kienet ġiet irrevokata bis-sistema tal-punti.

Għaldaqstant, il-Qorti tqies li fix-xenarju ta' dawn il-fatti u ċirkostanzi, l-imputat għandu jiġi lliberat mill-ewwel u t-tielet imputazzjoni, li entrambi jirrigwardaw imputazzjonijiet dwar nuqqas ta' liċenzja ta' sewqan jew tiġdid tagħha.

Dwar it-tieni imputazzjoni, l-imputat sostna fix-xhieda tiegħu li, *"it-tonda ma kellix ta mal-windscreen."* Irriżulta wkoll l-vettura in kwistjoni, kienet irreġistrata fuq Paul Tanti għan-nom ta' Canadis Autodealer, liema liċenżja skadiet fit-28 ta' Frar 2017. Irriżulta wkoll mill-affidavit ta' Stephen Cachia, illi l-liċenzja skadiet fit-28 ta' Frar 2017. Spjega li mbagħad, fil-31 ta' Mejju 2017, din il-vettura ġiet trasferita fuq Marlene Gatt u tħallset il-liċenzja. Għalhekk din l-imputazzjoni ġiet ippruvata. Madanakollu, din l-imputazzjoni tirrigwarda ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02, li għandha preskrizzjoni ta' tliet xhur. Il-Prosekuzzjoni naqset li tressaq l-ewwel riferta li biha gie nnotifikat l-imputat. L-imputat deher għall-ewwel seduta fis-17 ta' Novembru 2017, u għalhekk, din il-Qorti sejra tqis, li dik kienet il-ġurnata meta huwa kien innotifikat. Għaldaqstant din l-imputazzjoni hija preskritta.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, xehed Emanuel Agius, li sostna li huwa kellu l-vettura pparkjata, u saq biex jitlaq. Imbagħad ġara l-impatt mal-vettura misjuqa mill-imputat, li tant kien qawwi, li l-vettura spiċċat bl-erba' roti fuq il-bankina. Dwar spejjeż, huwa xehed li dawn tellgħu għal €300 għal *spray painting* (Dok JC1), €413 tax-xogħol li sar biex tissewwa d-daqqa (Dok JC2), u €200.01 rappreżentanti xiri ta' parts (Dok JC3). L-imputat għażel li jixhed, fejn spjega li huwa kien nieżel mit-triq in kwistjoni, meta f'daqqa waħda ħareġ wieħed minn ġo kaxxa ta' parkeġġ. Sostna li l-ħsarat fil-vettura ta' Agius, seħħew mar-rota u l-*mudguard*. L-imputat sostna li mas-soċjetà ta' assigurazzjoni, Agius kien ammetta li t-tort għal dan l-inċident kien tiegħu, u li huwa kien ser jingħata *cash settlement* minn dik is-soċjetà ta' assigurazzjoni.

Il-Qorti qieset li mir-rapport tal-inċident eżebit u ritratti annessi, jirriżulta li l-ħsarat li ġarrbet il-vettura ta' Emanuel Agius, kienu fuq in-naħa tax-xellug ta' quddiem tal-istess vettura, mentri l-ħsarat sofferti fil-vettura tal-imputat, kienu fuq il-ġenb tal-lemin tan-naħa ta' quddiem tal-vettura tiegħu. Dan jindika li l-vettura tal-imputat, kienet għaddejja bid-dritt, u l-vettura ta' Agius kienet għadha qed tibda taqla'. Emanuel Agius kellu l-obbligu li juża kawtela kbira qabel ma' jibda jsuq għal ġol-karreġġjata. Il-Qorti qieset li ma tressqux provi fis-sens, li l-imputat kien qed isuq b'xi veloċità aċċellerata, tant li lanqas ma nħarġu akkużi mill-Prosekuzzjoni f'dan ir-rigward. Irriżulta wkoll li t-triq in kwistjoni, hija waħda dejqa, u għalhekk, kien diffiċli sabiex il-vettura tal-imputat, tevita l-impatt meta l-kwerelant qala' għal ġot-triq.

Għaldaqstant, din il-Qorti ma tqiesx li tressqu provi suffiċjenti dwar ir-raba' imputazzjoni.

**Deċide**

**Għal ragunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, filwaqt li qed tqies it-tieni imputazzjoni bħala preskritta fil-konfront tal-imputat.**

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**

**Deputat Reġistratur**